MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. JACQUELINE PADOVANI

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2009

Numru 626/2007

**PULIZIJA**
**SPETTUR MARIO TONNA**
**VS**
**ALFONSO FARRUGIA**
**ROBERT FARRUGIA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Alfonso Farrugia ta’ 68 sena, imwieled il-Hamrun nhar il-25 ta’ Gunju 1939, iben il-mejjet Giuseppe u l-mejta Rosina, residenti gewwa 2 April, Triq Guze Maria Camilleri, Hamrun u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 487439(M) u Robert Farrugia ta’ 40 sena, imwieled nhar it-13 ta’ Novembru 1966 gewwa Pieta’, iben Alfonso u Carmen nee’ Pace, residenti gewwa Nru. 2 April Triq Guze Maria Camilleri, Hamrun u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 494866(M).

Illi huma akkuzati talli nhar il-10 ta' Ottubru 2006 ghal habta tas-7:30p.m. gewwa Triq Guze Pace Hamrun minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqieghedu l-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkagunaw feriti ta' natura gravi, fuq il-persuna ta' Peter Tonna u Antoinette Tonna mill-Hamrun skond kif iccertifikaw Dr. A. J. Gheiti MD, Dr. Staya Brata MD ta' l-Isptar San Luqa u Mr. C. Sciberras MDFRCS ta' San Sawl Tat-Targa u dan ai terminu ta' l-Artikoli 214 u 216 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi huma akkuzati wkoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, hebbu ghall-istess Peter u Antoinette Tonna sabiex jingurjawhom, idejquhom jew jaghmlulhom hsara u dan bi ksur ta' l-Artikolu 339(d) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi huma akkuzati wkoll talli fl-istess data, lok u cirkostanzi gewwa l-Hamrun volontarjament kissru l-bon ordni jew il-kwiet pubbliku b'ghajjat u glied u dan bi ksur ta' l-Artikolu 338(dd) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali u dak ta' l-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-ufficjal prosekutur ezebixxa l-okkorrenza ta' glieda bejn gara, fuq xi *parking* quddiem *garage* u b'konsegwenza li ndarbu Peter u Antoinette Tonna.

Gew ezebiti zewg certifikati medici Dok.MT2 li juri griehi ta' natura gravi fuq Peter Tonna u Dok.MT1 li juri griehi ta' natura hafifa fuq Antoinette Tonna.

Illi fil-mori tal-kawza Peter Tonna **xehed li hafer lill-imputati** u li ma kien qed jippretendi xejn minnhom.

L-ufficjal prosekutur f'dan l-istadju ghalaq il-provi.

L-imputati ghazlu li ma jixhdux u ma resqu ebda prova ohra.

Ikkonsidrat:

Illi fil-kaz in ezami Peter Tonna rrinunzja ghall-azzjoni kriminali, hafer lill-imputati u ddikjara apertament li ma kienx qed jippretendi xejn minnhom. Dan gie konvalidat mill-Ispettur Magri li jaf iz-zewg partijiet tal-kawza u kellu sehem f'medjazzjoni bejn il-partijiet.

Illi Dr. Satya Brada awtentika c-certifikat mediku ta' *slight injuries* fir-rigward ta' Antoinette Vella. Il-prosekuzzjoni naqqset li tipproduci lil Dr. Gherti ghal rigward ic-certifikat Dok.MT2

Illi fin-nuqqas ta' xhieda ta' Peter Tonna, l-ufficjal prosekutur u Dr. Gherti dwar griehi ta' natura gravi, din il-Qorti m'ghandiex alternattiva ghajr illi ssib lill-imputati mhux hatja ta' tali akkuza u tilliberahom minnha.

Ghal rigward ta' griehi ta' natura hafifa u ghal rigward tat-tieni (2) u t-tielet (3) akkuza fuq Antoinette Tonna, il-Qorti invista tar-rinunzja tal-kwerelanti tiddikjara procediment ezawrit.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------